



# Tislima lill-Mro Angelo Melilli

*f'għeluq il-100 sena minn mewtu*
*(1856 – 1913)*

**John Gafà**





Mro Angelo Melilli

Mro Angelo Melilli twieled fit-18 ta' Awwissu, 1856, f'Licata, provinċja ta' Agrigento. Huwa kien direttur ta' waħda mill-baned militari Taljani. Huwa wasal Malta fit-13 ta' Frar, 1898, bil-vapur L'Isle Adam li kien ġej minn Tuneż. Flimkien miegħu fuq il-vapur kien hemm martu Antonietta mwielda Martinez, minn Terranova, Sqallija, li kien iżżewweġ nhar is-27 ta' April, 1889, kif ukoll uliedhom – Rosario, Angelo, Maria, Giulia u Salvatore. Kemm dam Malta twieldulu ħames ulied oħra – Concetta fl-1899, Graziella fl-1901, Nicolò fl-1903, Adelina fl-1906 u Vittorio fl-1909. Daqs xahar u nofs wara, jiġifieri lejn it-tmiem ta' April 1898, huwa dderieġa l-Banda Vilhena tal-Furjana. Imbagħad f'Jannar 1901 żied il-Banda San Giorgio ta' Bormla.

Nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru, 1904, Mro Melilli ddebutta bħala surmast mas-Soċjetà Filarmonika San Filippo. Meta ħa f'idejh id-direzzjoni tal-Banda San Filep, is-surmast Melilli biddel ir-residenza minn dik ta' 69, *Strada Bongiorno*, Bormla għal 290, *Strada Reale* Ħaż-Żebbuġ. B'inizjativa tal-President Carmelo Zammit u l-membri tal-kumitat l-aħwa Żaren u Filippo Felici (Ta' Faruni) li kienu negozjanti tal-inbid, kienu provdewlu din ir-residenza biex jiġi joqgħod fiha hu u l-familja. Taħt id-direzzjoni ta' dan is-surmast Taljan, il-Banda San Filep għamlet tibdil għall-aħjar kemm fin-numru ta' bandisti u kif ukoll fil-kwalità tal-mużika li kienet tindaqq. Fiż-żmien ta' dan is-surmast, ħafna missirijiet kienu jfittxu l-maestro u jagħtuh xelin (€ 0.12) biex jagħmel mill-aħjar mat-tfal tagħhom u joħroġhom idoqqu mal-Banda San Filep. Fil-Ġimgħa l-Kbira ta' 1905, il-Banda San Filep daqqet għall-ewwel darba l-marċi funebri Cipresso u Mesto Ricordo kompożizzjoni ta' dan is-surmast. Ft-tnejn u għoxrin ta' Ġunju 1911, il-Banda San Filep taħt id-direzzjoni ta' dan is-Surmast marret iddoqq għall-inkurunazzjoni tar-Re Ġorġ V f'sfilata ta' 22 banda, ilkoll wara xulxin li mmarċjaw mill-Furjana sal-Belt Valletta. Kull banda daqqet l-innu God Save The King fil-pjazza San Giorgio f'Triq Strada Reale.



Ir-residenza ta' Angelo Melilli, 290 Strada Reale, Ħaż-Żebbuġ fejn kien jogħod Mro Angelo Melilli

Is-Surmast Angelo Melilli kien kompożitur kbir u jibqa' magħruf l-aktar għall-marċi

funebri li kkompona, fosthom *Cipresso* (1888), *Mesto Ricordo* (1889), *L'Ultima Caduta* (1886), *Povri Morti*, *Alla Memoria di Giuseppe Verdi* (1901), *Alla Memoria Di Maestro Filippo Galea* (1905), *Alla Memoria Di Maestro Andrea Borg*, *Venerdi Santo*, *Remembranze*, *Elegia Funebre* (1889) u *A Mia Madre* li għadhom jindaqqu sal-lum. Il-marċ funebru *Alla Memoria dei Caduti di Transval*, li kkomponih fis-sena 1899, huwa marċ uniku ta' dan is-surmast u jinsab fil-arkivju tal-Għaqda Każin Banda San Filep biss.



Il-Bakketta ta' Maestro Angelo Melilli

Fl-arkivju tal-Għaqda Każin Banda San Filep hemm ħafna manuskritti oriġinali miktubin mill-pinna ta' dan il-bravu surmast, fosthom *Inno a San Filippo d'Agira* għal sopran, tenur, baritonu u kor li kkomponih fl-1906, il-versi oriġinarjament miktubin bit-Taljan minn Dun Karm Psaila iżda nqalbu għall-Malti minn Mons Lawrenz Cachia fl-1978. Dan l-Innu jindaqq mill-Banda kull ħames snin. Il-marċi brijużi *La Genovese* kitbu fid-29 ta' Settembru tal-1903 u *Un Saluto A Palermo* fil-1900. Il-polka *Ineż* li nkitbet f'Mejju tal-1888, il-kanzunetta Naplitana *Nanina Bella* (1903), il-mazurka Giorgina (1889), il-fantasia *Notte Estiva Africana* (1907), il-valz *Piume di Pavone* (1907) u siltiet mużikali oħra bħal *Piedigrotta* (1900), *Marcia Spagnola* (1900), *Principe Di Malta* (1900), *Mazurka Spagnola* (1905), *Omaggio a San Filippo*, *per Coro e Voci Puerilli* (1911), is-sinfonia *La Ruche d'Or* u *l-Inno San Publio* (1901). Hemm ukoll għadd ġmielu ta' arranġamenti mużikali għall-banda ta' Angelo Melilli. Ta' min isemmi wkoll li dan is-surmast meta kien ilesti l-kompożizzjoni kien jiffirma, iniżżel id-data u l-ħin. L-Għaqda Każin Banda San Filep għandha l-bakketta ta' Maestro Angelo Melilli li hi esebita fis-sala ewlenija u merfugħa b'għożża kbira.



L-Arkivju tal-mużika msemmi għal Mro Angelo Melilli

Ta' min isemmi wkoll li meta miet l-eks president tas-Soċjetà Filarmonika San Filippo s-Sur Carmelo Zammit fit-tmienja u għoxrin ta' Ottubru 1911, kien attenda għall-funeral wkoll is-Surmast Angelo Melilli li kien għadu namruż ħafna għall-Banda San Filep u li kien ħabib kbir ta' Carmelo. Melilli waqt il-korteo qagħad jippoża quddiem il-Banda. Meta nduna bih is-Surmast Alfred Hare, raġel wieqaf u ta' karattru li juri d-dixxendenza tiegħu Ingliża, mar fuq Angelo Melilli u qallu, "*Issa jien is-Surmast Direttur tal-Banda San Filep!"*, peress li t-tmexxija kienet għaddiet f'idejh. Is-surmast Melilli telaq minn Malta għal Tuneż fl-14 ta' Ġunju, 1912, bil-vapur Franċiż Marechal Bugeaud, flimkien ma' wliedu Rosario, Maria, Salvatore, Concetta, Graziella, Nicolò u Vittorio. Huwa reġa' ġie Malta għal ġimgħa waħda biss bejn it-12 u d-19 ta' Diċembru, 1912. Maestro Angelo Melilli ħalla dan il-wied ta' dmugħ f'Tuneż nhar it-30 ta' Awwissu, 1913. Fit-28 ta' Diċembru, 1993, il-gvern irrikonoxxa l-abiltajiet ta' dan il-bravu Surmast u kompożitur u semma' triq għalih f'Ħaż-Żebbuġ.